

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni****(Il-Każ M.9411 — Parker-Hannifin Corporation/Lord Corporation)****Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 245/07)

1. Fil-15 ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Parker-Hannifin Corporation (“Parker”, l-Istati Uniti),
- Lord Corporation (“Lord”, l-Istati Uniti).

Parker takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll eskużiv ta’ Lord.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta’ xiri ta’ ishma.

2. L-aktivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Parker hija l-kumpanija azzjonarja tal-Grupp Parker, li timmanifatura teknoloġiji għall-kontroll tal-moviment, għall-purifikazzjoni ta’ fluwidi, għal prodotti li jikkontrollaw fluwidi u fjuwil, għal prodotti ta’ strumentazzjoni, għal air conditioning, għal refriġerazzjoni, għall-protezzjoni elettromanjetika u għal prodotti ta’ ġestjoni termali;
- Lord hija kumpanija tat-teknoloġija u tal-manifattura globali u diversifikata li toffri taħlita differenti ta’ prodotti inklużi adeżivi, għall-kisi, sistemi ta’ kontroll tal-vibrazzjoni u tal-moviment ajruspazjali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista’ taqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta’ ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (²) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista’ jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista’ jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta’ din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġeja tigħi dejjem spesifikata:

M.9411 — Parker-Hannifin Corporation/Lord Corporation

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta’ e-mail, ta’ faks jew bil-posta. Uża d-dettalji ta’ kuntatt ta’ hawn taħt:

E-mail: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).

(²) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.